

Dispożittiv tad-Digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ir-rikorrenti għandha tbat i-ispejjeż tagħha u dawk tal-Kummissjoni.
- 3) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha għal dak li jikkonċerna l-interventi.

(¹) ĠU C 70 tat-22.3.2003

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-30 ta' April 2007 — EnBW Energie Baden-Württemberg vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-387/04) (¹)

(“Rikors ta’ annullament — Direttiva Nru 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta’ kwoti ta’ emissjonijiet ta’ gassijiet serra — Pjan nazzjonali ta’ allokazżjoni ta’ kwoti ta’ emissjonijiet għall-Ġermanja — Għajruna mill-Istat — Interess güridiku — Inammissibbiltà”)

(2007/C 140/39)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: EnBW Energie Baden-Württemberg (Karlsruhe, Il-Ġermanja) (rappreżentanti: C.-D. Ehlermann, M. Seyfarth, A. Gutermuth u M. Wissmann, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: U. Wölker, M. Niejahr u T. Scharf, aġenti)

L-intervenjenti li ssostni lill-konvenuta: Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: W.-D. Plessing u U. Forsthoff, aġenti, assistiti minn B. Sellner u U.Karpenstein, avukati)

Suġġett tal-kawża

Talba għal-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 2515/2 finali, tas-7 ta' Lulju 2004, dwar pjan nazzjonali ta' allokazżjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra nnotifikat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja skond id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2003/87/KE tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, p.32).

Dispożittiv tad-Digriet

- 1) Ir-rikors għandu jiġi miċħud bħala inammissibbli.
- 2) Ir-rikorrenti għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk magħmula mill-konvenuta.

- 3) L-intervenjenti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 6 tat-8.1.2005

Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tas-26 ta' April 2007 — Tebaldi et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-415/04) (¹)

(Servizz pubbliku — Aġenti — Promozżjoni — Eżerċizzju ta' promozżjoni 2003 — Ċaħda ta' promozżjoni — Attribuzzjoni ta' punti ta' promozżjoni — Inammissibbiltà manifesta)

(2007/C 140/40)

Lingwa tal-kawża: Il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Vittoria Tebaldi (Brussell, il-Belġju); Vicente Tejero Gazo (Tervuren, il-Belġju); Victor Gonzalez Martinez (Brussell, il-Belġju); u Alessandro Giovannetti (Ernster, il-Lussemburgu) (rappreżentanti: inizjalment G. Bounéou u F. Frabetti, u wara F. Frabetti, avocats)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: G. Berscheid u H. Kramer, agents)

Suġġett tal-kawża

Principalmnt, talba għall-annullament tal-lista ta' aġenti promossi għal grad superjuri waqt l-eżerċizzju 2003, safejn din il-lista ma fihiex l-ismijiet tar-rikorrenti, kif ukoll ta' l-atti preparatorji ta' din id-deċiżjoni, u, sussidjarjament, tad-deċiżjoni dwar l-attribuzzjoni tal-punti ta' promozżjoni taħt l-eżerċizzju ta' evalwazzjoni 2003.

Dispożittiv tad-Digriet

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha.

(¹) ĠU C 300 ta' l-4.12.2004.